# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 197/2015**

Il-Pulizija

vs

**Warrick Wayne Mangion**

iben genituri mhux maghrufa, imwieled l-Awstralja, fil-11 ta' Awwissu, 1978, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 372694(M)

Illum, 9 ta' Novembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Warrick Wayne Mangion quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fis- bejn il-31 ta' Jannar 2015 ghal habta 18.00hrs u l-1 ta' Frar 2015 ghal habta tat-03.00hrs u matul ix-xhur ta' qabel gewwa l-fond Blk C 6, Triq il-Gdida fi Triq il-Qawra, San Pawl il-Bahar:

(1) gab ruhu b'mod li kien ta' fastidju ghall-persuna ta' Jason Zammit u tal-familja tieghu;

(2) kien jaf jew missu kien jaf li kien ta' fastidju ghall-imsemmi Jason Zammit u ghall-istess familja tieghu;

(3) fl-imsemmi lejl kiser il-mistrieh tal-imsemmi Jason Zammit u tal-familja tieghu.
Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tohrog ordni ta' protezzjoni kontra Warrick Wayne Mangion u dan ai termini tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' April, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 251A(1)(a) u (b) u l-artikolu 338(m)tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Warrick Wayne Mangion hati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghal hlas ta' ammenda ta' tletin ewro (€30) filwaqt ma sabitux hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni u ghaldaqstant illiberatu minnhom.

Il-Qorti astjeniet milli tiehu konjuzzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali stante li ma ratx li kien il-kaz li timponi tali Ordni.

Rat ir-rikors tal-appellanti Warrick Wayne Mangion ipprezentat fit-28 ta'April, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermha dik il-parti tas-sentenza fejn ma sabietx lill-appellant hati u illliberatu tal-ewwel zewg imputazzzjonijiet u tirrevoka, thassar u tannulla dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni u tillibera lill-appallant minn kull htija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

a. Illi l-appellant ma setghax jinstab hati tat-tielet imputazzjoni meta ma nstabx hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet;
b. Illi l-appellant ma setghax jinstab hati tat-tielet imputazzjoni stante li l-kaz tal-prosekurzzjoni ma giex pruvat minghajr dubju dettat mir-raguni.
c. Illi l-appellant ma ghamel ebda storbju li dakinhar tal-akkuza u lanqas fix-xhur ta' qabel tant li l-pulizija meta marru qabel fuq l-post qatt ma sabu storbju fil-post anzi l-appellant u il-familja tieghu kienu jkunu reqdin.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.
Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament korrett tal-provi li tressqu quddiemha. Jirrizulta wkoll li r-relazzjoni bejn il-familji llum hi wahda tajba u ghalhekk dan jimmertia mitigazzjoni fil-piena.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tichad l-appell ta' Warrick Wayne Mangion u tikkonferma s-sentenza appellata dwar it-tielet akkuza. Tikkonferma s-sentenza dwar l-ewwel zewg akkuzi. Dwar il-piena thassar u tirrevoka l-piena ta' ammenda ta' tletin euro (€30) u minflok tilliberah taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta minghajr kondizzjoni.